*KOMPETENZA PRIM AWLA - ARTIKOLU 32 – KAP 12*

*KOMPETENZA SEKOND' AWLA - ART 470 U 480 TAL-KAP 12*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 18 ta' April, 2002**

**Kawza Numru: 27**
**Citazzjoni Numru: 298/01/RCP**

**Bernardette Sciberras f'isimha u ghan-nom ta' Amanda u Christine ahwa Bezzina**

**vs**

**George Bezzina**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attrici mizzewga ghat-tieni darba lil Gaetano Sciberras u l-konvenut huwa l-genitur tal-minuri Amanda u Christine ahwa Bezzina li l-kura u l-kustodja taghhom hija fdata f'idejn l-attrici li qed tiehu hsiebhom u tmantnihom.

Illi l-konvenut missier iz-zewg xebbiet minuri ghadu ma bediex ihallas il-manteniment u dan mill-1 ta' Ottubru 2000 meta bdew ikunu regolarment u unikament ghand l-omm, b'access ghal missier.

Illi minkejja kull tentativ biex il-missier ihallas il-manteniment dan baqa' inadempjenti u offra biss li jghaddi ic-*childrens allowance*.

Illi l-htigijiet ta' zewg xebbiet li qed jikbru huma konsiderevoli.

L-istess attrici talbet li l-konvenut jghid ghala din il-Qorti m'ghandhiex tikkundannah li jhallas lill-attrici ghan-nom ta' uliedha minuri Amanda u Christine dik ir-retta alimentari li tigi ffissata tenut kont tac-cirkosanzi kollha u in oltre li tordna li tali retta alimentari tinqata' direttament mis-salarju tal-konvenut minghand l-*employer* tieghu, u dan b'effett mill-1 ta' Ottubru 2000.

Bl-ispejjez tal-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 tal-process;

Rat il-verbal tal-25 ta' Settembru 2001 fejn dehret biss l-attrici assistita minn Dr. Daniela Borg li giet awtorizzata mill-Qorti li tinnotifika lill-konvenut wara l-hinijiet legali.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tal-1 ta' Novembru 2001 a fol. 12 fejn gie eccepit:

1. Illi t-talbiet ta' l-attrici huma nfondati fit-fatt u fid-dritt u fil-klawsola 5 tal-kuntratt ta' separazzjoni taghhom (Dok A) ilkontendenti ftiehmu illi kwistjonijiet bhal dik mertu ta' din il-kawza ghandhom jigu decizi mis-Sekond'Awla ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi, minghajr pregudizzju, it-talba kif proposta hija inammissibbli u ma tistax tigi milqugha minghajr talba precedenti *ad hoc* li permezz taghha tigi miltuba dikjarazzjoni li l-imsemmija klawsola 5 m'ghandhiex illum tigi applikata aktar kemm f'dak li jirrigwarda l-mertu kif ukoll f'dak li tirrigwarda l-procedura li ghandha tigi uzata f'kaz li parti thoss li dak li gie miftiehem dwar il-minuri ghandu jigi varjat. Altrimenti x'jiswa kuntratt pubbliku ffirmat bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti? X'jifdal mill-principju fundamentali li kulhadd hu marbut b'kull obbligazzjoni li assuma legalment?

3. Illi fil-mertu l-ecipjenti dejjem ha hsieb u mantna lill-minuri u ghadu hekk jaghmel sa llum billi mhux biss dawn jghixu mieghu ghal parti mill-gimgha imma wkoll jiehu hsieb bzonnijiet ohra taghhom.

4. Illi l-attrici hija wkoll obbligata tmantni lil uliedha; obbligu li matul is-snin hija rari osservat.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 13 sa 16 tal-process.

Rat il-verbali tat-22 ta' Novembru 2001, tat-30 ta' Jannar 2002 fejn il-kawza giet differita ghas-26 ta' Frar 2002 biex tinstema' minn din il-Qorti kif prezentement presjeduta. Rat il-verbal tas-26 ta' Frar 2002 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut ghat-22 ta' Marzu 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza qed issir mill-attrici stante li hija qed tallega li hija ghandha l-kura u l-kustodja effettiva ta' uliedha minuri Amanda u Christine ahwa Bezzina, ulied ukoll tal-konvenut li min-naha tieghu mhux qed ihallas il-manteniment tal-istess minuri, u ghalhekk qed jintalab li jigi ffissat tali

manteniment u li tali somma hekk iffisata tigi mnaqsa direttament mis-salarju tal-konvenut minghand l-*employer* tieghu b'effett mill-1 ta' Ottubru 2000.

Illi min-naha l-ohra l-konvenut ipprezenta diversi eccezzjonijiet pero` din is-sentenza hija limitata biss ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet minnu mressqa u dan kollox skond il-verbal ta' din il-Qorti tas-26 ta' Frar 2002.

Illi tali zewg eccezzjonijiet fil-fatt jghidu li:

2. Illi t-talbiet ta' l-attrici huma nfondati fit-fatt u fid-dritt u fil-klawsola 5 tal-kuntratt ta' separazzjoni taghhom (Dok A) il-kontendenti ftiehmu illi kwistjonijiet bhal dik mertu ta' din il-kawza ghandhom jigu decizi mis-Sekond'Awla ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi, minghajr pregudizzju, it-talba kif proposta hija inammissibbli u ma tistax tigi milqugha minghajr talba precedenti *ad hoc* li permezz taghha tigi miltuba dikjarazzjoni li l-imsemmija klawsola 5 m'ghandhiex illum tigi applikata aktar kemm f'dak li jirrigwarda l-mertu kif ukoll f'dak li tirrigwarda l-procedura li ghandha tigi uzata f'kaz li parti thoss li dak li gie miftiehem dwar il-minuri ghandu jigi varjat. Altrimenti x'jiswa kuntratt pubbliku ffirmat bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti? X'jifdal mill-principju fundamentali li kulhadd hu marbut b'kull obbligazzjoni li assuma legalment?

Illi mill-ftit provi prodotti f'din il-kawza jirrizulta li l-partijiet odjerni kienu ghamlu bejniethom kuntratt ta' separazzjoni bonarja ippublikat min-Nutar Dottor Michelle Dingli fis-27 ta' Mejju 1992 u li jinsab esebit bhala Dok A a fol 15 tal-process.

Illi f'dak il-kuntratt ta' separazzjoni jirrizulta illi dwar manteniment ghall-istess ulied minuri ma inghad xejn u dwar il-manteniment tal-attrici proprju inghad illi peress li kienet qed tahdem "mhix qed tinghata manteniment".

Illi dwar il-kwistjoni tat-tfal din sar qbil fuqha li tibqa' responsabbilita` taz-zewg partijiet, pero` l-minuri dak iz-zmien kienu fl-istitut tas-sorijiet ta' Fra Diegu l-Hamrun, u z-zewg partijiet kellhom dritt tal-access ghall-istess.

Illi fl-istess paragrafu 5 tal-kuntratt pubbliku ta' separazzjoni precitat inghad is-segwenti:

"*il-partijiet jaqblu li jekk jinbidlu c-cirkostanzi din il-materja tigi regolata permezz ta' rikors u digriet opportun mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili*".

Illi jidher li abbazi ta' din il-klawsola saru z-zewg eccezzjonijiet li jiffurmaw il-mertu tas-sentenza odjerna u liema eccezzjonijiet tal-konvenut huma fis-sens illi l-kompetenza sabiex tiddeciedi l-materja in kwistjoni hija dik maqbula bejn il-partijiet fil-kuntratt premess u tispetta mhux lil din il-Qorti izda lis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, skond

klawsola Numru 5 tal-istess kuntratt, u wkoll li din ic-citazzjoni ma tistax tissusisti peress li fiha m'hemmx talba sabiex l-istess klawsola Numru 5 indikata fil-kuntratt m'ghandiex tibqa' tapplika u ghalhekk il-ftehim bejn il-partijiet indikat fl-istess kuntratt ta' separazzjoni konsenswali jigi b'hekk skartat biex din il-Qorti ikollha l-kompetenza biex tiddeciedi din il-kawza.

Illi l-Qorti pero` tinnota illi l-klawsola fuq citata fejn il-partijiet qablu li jekk jidbidlu c-cirkostanzi huma jirrivolgu ruhhom ghal decizjoni mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili tirreferi biss u unikament ghall-kwistjoni dwar il-kura u l-kustodja tat-tfal li f'dak iz-zmien kienu jinsabu fl-Istitut tas-Sorijiet ta' Fra Diegu l-Hamrun.

Illi dan iffisser illi l-kwistjoni li llum ghandha quddiemha din il-Qorti ma hijiex wahda ghad-determinazzjoni tal-kura u l-kustodja tal-istess ulied, (ghalkemm jidher li l-partijiet qed jaqblu li s-sitwazzjoni mis-sena 1992 sallum dwar l-istess kura u kustodja tbidlet peress li l-istess minuri jinsabu fil-kura u kustodja effettiva tal-istess attrici bi dritt ta' access anke esetiz ghall-istess konvenut), izda sabiex din il-Qorti tiffissa manteniment ukoll ghall-istess minuri.

Illi mill-istess kuntratt precitat ma jirrizultax li l-partijiet dahlu jew semmew il-kwistjoni ta' manteniment tal-istess minuri u fil-fatt kull referenza ghall-istess manteniment hija ghall-kollox assenti mill-istess kuntratt u dan b'konsegwenza

ghall-fatt li f'dak iz-zmien l-istess minuri kienu jinstabu fl-Istitut indikat.

Illi allura mill-istess kuntratt jidher li l-kwistjoni ta' manteniment tal-istess minuri ma qamitx u ghalhekk dwarha ma jistax jinghad li kien hemm xi ftehim li f'kaz ta' dizgwid bejn il-partijiet fuq l-istess dawn ghandhom jirreferu ghal xi Qorti jew ohra, dejjem ta' kompetenza civili.

Illi fil-fatt il-kwistjoni li l-partijiet qablu li jirreferu quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili kienet biss tirreferi ghal dik in konnessjoni mal-kura u l-kustodja tal-istess minuri, u din hija riflessa mill-fatt li tali klawsola fuq citata ghar-referenza ghall-istess Qorti hija biss inserita u ndikata fl-istess kuntratt ghal dak li jirrigwarda l-istess imsemmija kura u kustodja fil-klawsola Numru 5 tal-istess kuntratt.

Illi fi kliem iehor tali klawsola ma jidhirx li tirreferi ghall-ftehim kollu izda biss ghar-rigward l-effett ta' klawsola 5 u fil-fatt giet inserita biss fl-istess klawsola.

Illi minn dan isegwi li la darba l-Prim Awla tal-Qorti Civili ghandha l-kompetenza li tisma' l-kawzi kollha ta' natura civili u kummercjali hlief dawk li espressament b'ligi hemm provdut mod iehor u dan skond l-**artikolu 32 tal-Kap 12** isegwi li din il-kawza hija wkoll ta' kompetenza ta' din il-Qorti aktar u aktar li dwar il-mertu tal-istess ma jidhirx li l-partijiet ipprovdew mod iehor.

Illi mhux hekk biss izda jidher li apparti dak li jista' jigi konvenut bejn il-partijiet il-kompetenza tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili hija limitata ghall-*ezercizju tal-gurisdizzjoni volontarja fi hwejjeg ta' natura civili* skond l-**artikolu 33 tal-Kap 12** u dawn jinkludu bl-emendi li saru fis-sena 1993 (Att XXI) proceduri anke ta' natura konzensjuza u dan skond l-**artikoli 470 u 480 tal-Kap 12.** Illi minn dan jirrizulta li l-kompetenza tal-Qorti tas-Sekond' Awla f'dak li hu kontenzjuz hija limitata bhala linja generali ghal dawk il-proceduri li jsiru quddiem l-istess Qorti ghall-awtorizzazjoni sabiex persuna tipprocedi ghal separazzjoni bonarja u sakemm tali proceduri jibqghu hekk pendenti quddiem l-istess Qorti u qabel ma ssir l-istituzjoni tal-kawza proprja quddiem din il-Qorti mill-liema data il-kompetenza anke fl-istess materja hemm indikati fl-artikoli precitati ikunu kompetenza ta' din il-Qorti.

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz *de quo* isegwi li la darba l-partijiet fil-kuntratt premess illimitaw l-access taghhom quddiem il-Qorti tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili ghall-kwistjonijiet ta' kura u kustodja tal-istess minuri dan neccessarjament ifisser li fi kwistjonijiet ohra ikluzi dawk ta' manteniment tal-istess minuri naxxenti mill-bdil ta' cirkostanzi minn dawk ezistenti fi zmien il-kuntratt huma ta' kompetenza ta' din il-Qorti, u dan in vista tal-gurisdizzjoni kompleta li l-istess Qorti ghandha b'linja generali fuq kawzali ta' natura civili u kummercjali hlief ghal dawk espressament provdut mod iehor bil-ligi.

Illi ghalhekk fil-kuntest tal-premess l-ewwel eccezzjoni m'ghandiex tigi milqugha u la darba din il-Qorti thoss li l-klawsola 5 tal-istess kuntratt ta' separazzjoni ma tapplikax ghall-mertu tal-kawza odjerna lanqas it-tieni eccezzjoni m'ghandha tigi milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi billi tichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut.**

Bl-ispejjez ta' din id-decizjoni kontra l-istess konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**18 ta' April 2002**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**18 ta' April 2002**